ŻEBBUĠ

# KUNSILL LOKALI IŻ-ŻEBBUĠ

# RAPPORT ANNWALI AMMINISTRATTIV 2014

## WERREJ


| | |
|---|---|
| **REVIŻJONI TAX-XOGĦLIJIET** | **1-3** |
| **IL-KUNSILL** | **4-5** |
| **VARJAZZJONIJIET FID-DĦUL U L-INFIQ** | **6-8** |
| **DIKJARAZZJONI RIKONĊILJATORJA BANKARJA** | **9** |
| **IR-RAPPORT TAL-UDITURI U D-DIKJARAZZJONIJIET FINANZJARJI** | **10** |



*Ippreparat minn Diane Tagliaferro*

## *1.0 Reviżjoni tax-Xogħlijiet*

Ser inkunu qed nagħtu ħarsa lejn ix-xogħol u l-progress li għamel il-Kunsill Lokali Iż-Żebbuġ u l-Kumitat Amministrattiv għal Marsalforn matul l-aħħar sena ta' ħidma. Dan ir-Rapport Amministrattiv hu għas-sena 2014. Matul l-2014, saret l-elezzjoni għall-ħatra tat-tieni Kumitat Amministrattiv għal Marsalforn.

### OFFERTI GĦAL XOGĦLIJIET, MATERJAL U SERVIZZI

Matul is-sena 2014, saru dawn is-sejħiet għall-offerti:-

- Servizzi ta' *Contracts Manager*.
- Kostruzzjoni ta' bankini fi Triq id-Duluri u Triq il-Munġbell, Marsalforn.
- Xogħlijiet ta' traqqiegħ bil-*hot* u *cold asphalt*.
- Kisi mill-ġdid ta' parti minn Triq Ta' Ħabel it-Twil bil-konkos.
- Servizzi ta' Perit.
- Provvista u installazzjoni ta' dwal dekorattivi fi Triq Santa Marija u Triq ix-Xwejni.

### IL-ĦIDMA TAL-KUNSILL

Bħal kull Kunsill Lokali ieħor f' Malta u f' Għawdex, il-Kunsill taż-Żebbuġ huwa responsabbli minn diversi funzjonijiet obbligatorja u dawn huma fost l-oħrajn:-

- Il-ġbir tal-iskart domestiku bieb bieb.
- Servizz ta' *bulk refuse collection*.
- Servizz ta' *skips on wheels* f' Marsalforn.
- Ħames *bring-in sites* għas-separazzjoni tal-iskart, wieħed fiż-Żebbuġ u erbgħa f' Marsalforn.
- It-tindif u ż-żamma fi stat tajjeb tat-toroq, il-latrini pubbliċi, il-ġonna u l-postijiet ta' rikreazzjoni, is-sinjali u l-marki tat-traffiku.
- It-tiswija tal-lampi tat-toroq imwaħħla mal-bini.

### ĦIDMA SOĊJALI

Ser insemmu wħud mill-attivitajiet li ġew organizzata fil-qasam soċjali:-

- Ipparteċipajna fil-festi Pawlini li saru fil-komunita` ta' Marsalforn.
- Attivita` tal-Karnival fiż-Żebbuġ.
- Xtrajna aktar kotba għall-librerija, għażla ta' kotba għat-tfal u anke għall-adulti.

- Fakkarna Jum Iż-Żebbuġ, it-28 ta' April. Sar it-tberik tal-*pets*, bil-koperazzjoni tal-Kumitat Żebbuġ Rovers għamilna attivita' sportiva għat-tfal kollha tal-lokal fejn il-konkorrenza kienet waħda tajba ħafna, quddiesa fil-Knisja Arċipretali taż-Żebbuġ u l-qofol ċerimonja ta' tifkira bis-sehem tal-Banda Sta Marija u l-korijiet tal-parroċċa. Din is-sena, il-premju Ġieh iż-Żebbuġ ingħata lill-Għaqda tal-Armar Żebbuġ.
- Diversi ħarġiet f' Malta u f' Għawdex għan-nies tal-lokalita`.
- Qed nipparteċipaw fil-proġett Kunsilli Lokali taż-Żgħażagħ 2014-2015 permezz ta' grupp ta' żgħażagħ mill-lokalita` tagħna. Komplejna ntejbu l-faċilitajiet fil-Youth Spot.
- Servizz ta' tilqim tal-labra tal-influwenza.
- Kompetizzjoni tal-presepji.
- Fl-okkażjoni tal-festi tal-Milied, festin għat-tfal tal-lokalita`.
- Lezzjonijiet taż-żfin għat-tfal tal-lokalita`.
- Kors fuq il-bini ta' presepji.
- Ittelgħet ċerimonja kommemorattiva f' għeluq il-mitt sena mill-qtil tal-kuntistabbli Santu Cassar.
- Organizzajna *fitness classes* fl-Iskola.
- Ħarġiet għat-tfal fuq it-*train*.
- *Streaming* tal-laqgħat *on line*.
- Is-Sindku flimkien ma' delegazzjoni mill-Kumitat Reġjonali għal Għawdex għamlu żjara fir-Reġjun ta' Emiglia Romagna fl-Italja biex ikunu stabbilita relazzjonijiet eqreb bejn iż-żewġ Reġjuni.

**PROĠETTI U XOGĦLIJIET OĦRA**

- Għamilna pavimentar ġdid u bdilna r-*railings* u s-sistema tad-dawl fil-Bajja tal-Qbajjar.
- Inbeda l-proġett ta' *upgrade* tal-*promenade* tal-Qbajjar, proġett konġunt mal-Ministeru għal Għawdex.
- Inbeda l-proġett ta' kisi bil-konkos ta' Triq Ta' Ħabel it-Twil.
- Bankini ġodda bil-madum tal-*porfido* fi Triq id-Duluri. Dan il-proġett kien ko-finanzjat mill-Urban Improvement Funds tal-MEPA.
- Għamilna diversi bankini oħra fuq talbiet li kellna minn xi residenti.
- Tlesta l-proġett ta' tisbiħ tal-*belvedere* ta' Triq Mons De Piro.
- Saret rampa mal-knisja ta' San Pawl.
- Għamilna *railings* ġodda fi Triq l-Oniċi u Triq Għajn Mhelhel.

- Waħħalna sett ġdid ta' fanali fi Sqaq Anton Mallia.
- Inħarġu l-permessi tal-MEPA għall-iżvilupp ta' *playing area* fi Pjazza Santa Marija tal-Virtut, latrina pubblika fix-Xwejni u ċentru ċiviku ġewwa Marsalforn.
- Bdilna għadd ta' tabelli tat-traffiku u ta' informazzjoni.
- Bdilna diversi imirja tat-traffiku miksura u waħħalna oħrajn ġodda.
- Waħħalna numru ta' *litterbins* ġodda f' Marsalforn.
- Fuq talbiet ta' residenti, waħħalna numru ta' bozoz ġodda.
- Kull fejn kien hemm bżonn, naddafna u rranġajna l-gradi tal-ilma.
- Ksejna bil-konkos parti minn Triq Dahlet tal-Merżuq u Triq Ta' Tutiet.
- Ipprovdejna l-materjal li kien hemm bżonn biex saru x-xogħlijiet ta' manutenzjoni fil-bajjiet mill-ħaddiema tal-Beach Cleaning Section.
- Ipprovdejna l-materjal biex saru *railings* u turġien ġodda għal Marsalforn.

Dawn ix-xogħlijiet huma biss uhud mix-xogħlijiet li l-Kunsill Lokali taż-Żebbuġ flimkien mal-Kumitat Amministrattiv għal Marsalforn kienu impenjati jaħdmu fuqhom matul din l-aħħar sena ta' ħidma. Nemmnu li dawn ix-xogħlijiet u oħrajn għenu biex kompla jitjieb l-ambjent kemm fiż-Żebbuġ kif ukoll f' Marsalforn.

**Nicky Saliba**
**Sindku**

**Diane Tagliaferro**
**Segretarja Eżekuttiva**

# ATTENDENZA FIL-LAQGĦAT

## KUNSILL LOKALI IŻ-ŻEBBUĠ

**Numru ta' Laqgħat - 15**

| | Preżenti | Skużat | Assenti |
|---|---|---|---|
| **Sindku** | | | |
| Is-Sur Nicky Saliba | 15 | | |
| **Deputat Sindku** | | | |
| Is-Sur Mario Cassar | 10 | 3 | 2 |
| **Kunsillieri** | | | |
| Is-Sur Joseph Camilleri | 14 | 1 | |
| Is-Sur Victor Refalo | 15 | | |
| Is-Sinjura Marija Saliba | 12 | 2 | 1 |
| **Segretarja Eżekuttiva** | | | |
| Is-Sinjura Diane Tagliaferro | 15 | | |

## ATTENDENZA FIL-LAQGĦAT

### KUMITAT AMMINISTRATTIV GĦAL MARSALFORN

**Minn Jannar sa Ġunju 2014**
**Numru ta' Laqgħat - 6**

| | Preżenti | Skużat | Assenti |
|---|---|---|---|
| **Chairperson** | | | |
| Is-Sinjura Marija Saliba | 6 | | |
| **Il-Viċi Chairperson** | | | |
| Is-Sur Emanuel Debono | 2 | 4 | |
| **Membri** | | | |
| Is-Sur Victor Refalo | 5 | | 1 |
| Is-Sur George Sacco | 3 | | 3 |
| Is-Sur Joseph Zammit | 6 | | |
| ***Ex-Officio*** | | | |
| Is-Sur Nicky Saliba | 6 | | |
| **Segretarja Eżekuttiva** | | | |
| Is-Sinjura Diane Tagliaferro | 6 | | |

**Minn Lulju sa Diċembru 2014**
**Numru ta' Laqgħat - 5**

| | Preżenti | Skużat | Assenti |
|---|---|---|---|
| **Chairperson** | | | |
| Is-Sinjura Marija Saliba | 5 | | |
| **Il-Viċi Chairperson** | | | |
| Is-Sur Frank Fenech | 4 | | 1 |
| **Membri** | | | |
| Is-Sur Martin Cefai | 4 | | 1 |
| Is-Sinjura Sandra Grech | 4 | | 1 |
| Is-Sur Joseph Zammit (irriżenja fil-15 ta' Diċembru 2014) | 4 | | |
| ***Ex-Officio*** | | | |
| Is-Sur Nicky Saliba | 5 | | |
| **Segretarja Eżekuttiva** | | | |
| Is-Sinjura Diane Tagliaferro | 5 | | |

## 3.1 L-Iskeda tal-Varjazzjonijiet Konsolidati tad-Dħul u l-Infiq

| | a | b | c | a-b/b-a | a-c/c-a |
|---|---|---|---|---|---|
| DESKRIZZJONI | 2014 ATTWALI € | 2014 BUDGET € | 2013 ATTWALI € | 2014 BUDGET VAR € | 2014 ATTWALI VAR € |
| **Dħul** | | | | | |
| Tal-Gvern | 454,409.77 | 414,246.00 | 533,429.34 | 40,163.77 | (79,019.57) |
| Bye-laws | 8,793.56 | 294,601.00 | 5,366.36 | (285,807.44) | 3,427.20 |
| Investiment | 1,859.74 | 2,500.00 | 2,736.98 | (640.26) | (877.24) |
| TOTAL | **465,063.07** | **711,347.00** | **541,532.68** | **(246,283.93)** | **(76,469.61)** |
| **Infieq** | | | | | |
| Salarji u Pagi | 72,110.96 | 73,068.20 | 70,191.82 | 957.24 | (1,919.14) |
| Manutenzjoni u Xogħlijiet oħra | 318,924.76 | 301,779.00 | 289,024.10 | (17,145.76) | (29,900.66) |
| Infieq Kapitali | 148,380.84 | 336,443.00 | 304,879.30 | 188,062.16 | 156,498.46 |
| TOTAL | **539,416.56** | **711,290.20** | **664,095.22** | **171,873.64** | **124,678.66** |
| **Bilanċ** | **(74,353.49)** | **56.80** | **(122,562.54)** | **(418,157.57)** | **(201,148.27)** |

## 3.2 L-Iskeda tal-Varjazzjonijiet fid-Dħul fid-Dettall

| DESKRIZZJONI | a<br>2014<br>ATTWALI<br>€ | b<br>2014<br>STIMA<br>€ | c<br>2013<br>ATTWALI<br>€ | a-b<br>2014<br>BUDGET<br>VAR<br>€ | a-c<br>2014<br>ATTWALI<br>VAR<br>€ |
|---|---|---|---|---|---|
| Dħul | | | | | |
| Tal-Gvern | | | | | |
| Annwali | 405,344.00 | 405,346.00 | 405,763.93 | (2.00) | (419.93) |
| Supplimentari | | | 2,886.73 | | (2,886.73) |
| Bżonnijiet Speċjali | | 8,900.00 | 499.04 | (8,900.00) | (499.04) |
| Entitajiet Pubbliċi/Governattivi | 42,360.58 | | 116,779.64 | 42,360.58 | (74,419.06) |
| Oħrajn | 6,705.19 | | 7,500.00 | 6,705.19 | (794.81) |
| | **454,409.77** | **414,246.00** | **533,429.34** | **40,163.77** | **(79,019.57)** |
| Bye-Laws | | | | | |
| Servizzi Komunitarji | | | 120.00 | | (120.00) |
| Kontravvenzjonijiet ta' bye-laws | 906.29 | | 543.90 | 906.29 | 362.39 |
| Kontribuzzjonijiet u donazzjonijiet | | 289,701.00 | 100.00 | (289,701.00) | (100.00) |
| Ġenerali | 7,887.27 | 4,900.00 | 4,602.46 | 2,987.27 | 3,284.81 |
| | **8,793.56** | **294,601.00** | **5,366.36** | **(285,807.44)** | **3,427.20** |
| Investiment | | | | | |
| Interess Bankarju | 1,859.74 | 2,500.00 | 2,736.98 | (640.26) | (877.24) |
| Sigurtajiet tal-Gvern | | | | | |
| | **1,859.74** | **2,500.00** | **2,736.98** | **(640.26)** | **(877.24)** |
| **TOTAL** | **465,063.07** | **711,347.00** | **541,532.68** | **(246,283.93)** | **(76,469.61)** |

## 3.2 L-Iskeda tal-Varjazzjonijiet fl-Infiq fid-Dettall

| | a | b | c | b-a | c-a |
|---|---|---|---|---|---|
| DESKRIZZJONI | 2014 ATTWALI € | 2014 STIMA € | 2013 ATTWALI € | 2014 BUDGET VAR € | 2014 ATTWALI VAR € |
| Infçq | | | | | |
| Salarji u Pagi | | | | | |
| Onorarja tas-Sindku | 6,868.20 | 6,868.20 | 6,605.76 | | (262.44) |
| Salarji u pagi ta' l-impjegati | 48,760.14 | 49,717.00 | 50,934.88 | 956.86 | 2,174.74 |
| Bonus | 4,442.46 | 4,442.36 | 675.50 | (0.10) | (3,766.96) |
| Dħul Supplimentari | 605.64 | 605.64 | 605.64 | | |
| Kontribuzzjonijet ta' Sigurta` Soċjali | 3,923.92 | 3,924.00 | 3,859.44 | 0.08 | (64.48) |
| 'Allowances' | 7,510.60 | 7,511.00 | 7,510.60 | 0.40 | |
| 'Overtime' | | | | | |
| | **72,110.96** | **73,068.20** | **70,191.82** | **957.24** | **(1,919.14)** |
| Manutenzjoni u Xogħlijiet oħra | | | | | |
| Dawl, ilma, telefon,etc. | 5,017.22 | 6,476.00 | 7,370.94 | 1,458.78 | 2,353.72 |
| Xiri ta' Materjal (Materials & Supplies) | 303.54 | 600.00 | 573.12 | 296.46 | 269.58 |
| Tiswijiet u manutenzjoni | 58,107.44 | 70,000.00 | 103,477.88 | 11,892.56 | 45,370.44 |
| Kera | 6,324.19 | 4,983.00 | 3,661.87 | (1,341.19) | (2,662.32) |
| Sħubija f'Assoċjazzjonijiet Int. | 824.00 | 1,200.00 | 1,062.25 | 376.00 | 238.25 |
| Spejjeż tal-Ufficċju | 4,816.84 | 6,000.00 | 5,532.36 | 1,183.16 | 715.52 |
| Trasport | 1,930.82 | 2,400.00 | 2,374.95 | 469.18 | 444.13 |
| Vjaġġar/safar | 741.00 | 3,500.00 | 655.00 | 2,759.00 | (86.00) |
| Informazzjoni għall-Pubbliku | 6,914.02 | 3,400.00 | 2,524.36 | (3,514.02) | (4,389.66) |
| Servizzi b' Kuntratt | 188,347.48 | 154,820.00 | 121,181.20 | (33,527.48) | (67,166.28) |
| Servizzi Professjonali | 8,815.81 | 12,000.00 | 13,801.23 | 3,184.19 | 4,985.42 |
| Training | | 400.00 | | 400.00 | |
| Ospitalita u servizzi lill-Komunita` | 35,999.64 | 35,000.00 | 25,767.12 | (999.64) | (10,232.52) |
| Spejjeż Inċidentali | 782.76 | 1,000.00 | 1,041.82 | 217.24 | 259.06 |
| | **318,924.76** | **301,779.00** | **289,024.10** | **(17,145.76)** | **(29,900.66)** |
| Infieq Kapitali | | | | | |
| Xiri ta' proprjeta` | | | | | |
| Bini | 10,319.60 | | | (10,319.60) | (10,319.60) |
| Titjib | 127,049.01 | 2,242.00 | 197,873.48 | (124,807.01) | 70,824.47 |
| Makkinarju u Apparat | 3,134.88 | | 3,492.04 | (3,134.88) | 357.16 |
| Proġetti Speċjali | 7,877.35 | 334,201.00 | 103513.78 | 326,323.65 | 95,636.43 |
| | **148,380.84** | **336,443.00** | **304,879.30** | **188,062.16** | **156,498.46** |
| **TOTAL** | **539,416.56** | **711,290.20** | **664,095.22** | **171,873.64** | **124,678.66** |

## *4.0 Dikjarazzjoni Rikonċiljatorja Bankarja*

**Kont Bank of Valletta EAccount** 40021326464

| | |
|---|---|
| **Bilanċ fuq id-dikjarazzjoni tal-Bank** | 156,322.74 |
| Għodd id-depożiti li saru sal-31 ta' Diċembru 2014 li ma jidhrux fuq id-dikjarazzjoni tal-Bank | 309.00 |
| Naqqas il-*withdrawals* li saru li ma jidhrux fuq id-dikjarazzjoni tal-Bank | 0 |
| **Bilanċ Nett tal-Bank** | **156,631.74** |

| | |
|---|---|
| **Bilanċ fil-Ktieb tal-Bank fil-31 ta' Diċembru 2014** | 156,631.74 |
| Għodd l-interess li tħallas sal-31 ta' Diċembru 2014 | 0 |
| Naqqas ic-*charges* imħallsa sal-31 ta' Diċembru 2014 | 0 |
| **Bilanċ Nett tal-Bank** | **156,631.74** |

**Kont Bank of Valletta Kurrenti 40021326529**

| | |
|---|---|
| **Bilanċ fuq id-dikjarazzjoni tal-Bank** | 0.98 |
| Għodd id-depożiti li saru sal-31 ta' Diċembru 2014 li ma jidhrux fuq id-dikjarazzjoni tal-Bank | 0 |
| Naqqas il-*withdrawals* li saru li ma jidhrux fuq id-Dikjarazzjoni tal-Bank | (2,012.00) |
| **Bilanċ Nett tal-Bank** | **(2,011.02)** |

| | |
|---|---|
| **Bilanċ fil-Ktieb tal-Bank fil-31 ta' Diċembru 2014** | (2,011.02) |
| Għodd l-interess li tħallas sal-31 ta' Diċembru 2014 | 0 |
| Naqqas ic-*charges* imħallsa sal-31 ta' Diċembru 2014 | 0 |
| Bilanċ Nett tal-Bank | **(2,011.02)** |